MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 289/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**VS**

**KEVIN CAMILLERI**
**KERRY SCHEMBRI**
**MATTHEW CARTER**
**ETIENNE FALZON**

**Illum ta' Mejju 2004.**

**Il-Qorti**;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kevin Camilleri ta’ 21 sena bin Joseph u Esther nee’ Falzon, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Awissu 1982 u li joqghod 84, Triq l-Annunzjata, Sliema bil-karta ta’ l-Identita’ 422582M;

U kontra Kerry Schembri ta’ 17-il-sena bin Joseph u Amanda Jayne Kershaw imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Gunju 1986 u li joqghod 47, St. Henry Street, Sliema bil-karta ta’ l-Identita’ 247886M;

U kontra Matthew Carter ta’ 15-il-sena bin Malcolm James u Maria Dolores nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Novembru 1988 u li joqghod Hazienda, Flat 4, Triq il-Gifen, Bugibba, bil-karta ta’ l-Identita’ 560288M;

U kontra Etienne Falzon ta’ 25 sena bin Francis u Frances nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Dicembru 1978 u li joqghod 34, Triq San Publija, Sliema bil-karta ta’ l-Identita’ 22379M;

Talli f’Tas Sliema, matul il-lejl bejn il-5 ta’ Novembru 2002 u s-6 ta’ Novembru 2002, ikkommettew serq liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, hin u valur ta’ aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin, (Lm1,000), ghad-detriment tas-socjeta’ Stella Maris Band Club, Sliema.

Ukoll talli, fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahhlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et seq tal-Kapitolu 9;

U wara illi rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 10 tal-process;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputati ammettew fi stadju bikri ghar-reati li taghhom gew akkuzati, liema reati ghandhom igibu maghhom piena ta' karcerazzjoni. Izda, fic-cirkostanzi tal-kaz, in vista ta' l-eta' tenera ta' l-imputati kollha, u in vista tal-fedina penali netta taghhom u tal-ammissjoni bikrija, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li tali piena karcerarja tkun adegwata fil-kaz in ezami. Il-Qorti tqis li jkun hafna izjed utili ghall-imputati li jinghataw ordni ta' probation jew ghal servizz ta' xoghol volontarju fil-komunita', taht is-sorveljanza ta' l-ufficjali tal-probation ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 11, 12, u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputati, ssibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti.

Ghall-finijiet ta' piena, fil-konfront ta' Matthew Carter u Kevin Camilleri, l-Qorti tordna li jinhareg Probation Order, a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal tmintax-il-xahar (18) mil-lum, taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess ordni.

Fil-konfront ta' Kerry Schembri, l-Qorti tordna li jinhareg combined order, li jikkonsisti f'terminu ta' probation ghal tnax-il-xahar (12) u servizz fil-komunita' ghal mitt (100) siegha, esegwibbli f'massimu ta' sena.

Fil-Konfront ta' Etienne Falzon, il-Qorti tordna li jinhareg Community Service order ghal mija u hamsin siegha (150), esegwibbli f'massimu ta' sena.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna li l-Ufficjali tas-servizz ta' Probation jirraportaw regolarment kull tlett (3) xhur lil din il-Qorti dwar l-andament ta' l-imputati f'dawn l-ordnijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------